# 61. Il-Lewża Miżhara

Bix-xniexel tawwalin redgħet il-benna
li niżlet mis-smewwiet tul xitwa sħiħa,
u biddlet f'ħafna żahar bi lwien il-ġenna
is-safa ta' qatriet li x-xemx ilħieħa

Issoff minn ġol-għejjun, u bdiet tithenna
li ġewwa l-ġnien sa tkun l-aktar sabiħa,
u bħal għarusa bajda dlonk tistenna
qagħdet li jidħol Frar bid-dawl u l-fwieħa.

Iżda Frar daħal bi provenz qalbieni.
bi rwiefen u bi dlam, mingħajr qawsalla,
ixerred kullimkien il-ħarb u l-hemm;

U l-Lewża bkiet fit-tul, bi dmugħ ġelbieni,
xħin rat iż-żahar itir tar-rjieħ mal-ħalla,
u daqshekk xogħol u ġmiel fix-xejn jintemm!